**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Matthew Spagnol)**

**vs**

**Rafael De Paula Rodrigues**

**Illum 17 ta' Lulju, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Rafael De Paula Rodrigues, iben Antonio u Maria nee' Silvan, imwieled nhar il-15 ta' Mejju 1995 gewwa l-Brasil, residenti Paradise Palace No. 2, Sliema, u detentur tal-passaport b'numru YB419830.

Akkuzat talli:

> F'dawn il-Gzejjer, fil-bajja ta' San Gorg, San Giljan, nhar l-17 ta' Lulju 2016, ghal-habta ta' 08:45hrs;

1. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il persuna ta' Lidia Fotina; (*Art 207, ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal vittma Lidia Fotina;.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Ghaldaqstant, filwaqt li qed tesebixxi l-passaport tal-ismemmi Rafael De Paula Rodrigues, il-prosekuzzjoni titlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda u qieset il-provi kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern l-imputat qed jigi akkuzat illi kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Lidia Fotina. L-allegata vittma tghid illi hija kienet qed tixxemmex fuq il-bajja ta' San Gorg, San Giljan, x'hin hasset lil xi hadd ibusha fuq il-parti ta' gisimha l'isfel minn zaqqha. Hija tghid li fethet ghajnejha u mbuttat lill-persuna minn fuqha. U telqet ghand il-familjari taghha minn fejn marret taghmel rapport. Il-Pulizija marru fuq il-bajja fejn sabu lill-imputat u haduh ghall-interrogazzjoni. L-allegata vittma identifikat lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kkommettiet dan l-agir. L-imputat jghid illi hu kien miexi biex imur igib x'jixrob mill-kiosk u waqa' fuq l-allegata vittma u gie f'dik il-posizzjoni. Jghid li l-mara mbuttatu u hu telaq minn hdejha u mar lura fejn kellu l-affarijiet tieghu. Sakemm libes il-qmis u l-qalziet gew il-Pulizija fuqu u haduh ghall-interrogazzjoni.

Illi fil-kawza odjerna l-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet dijametrikament opposti u ghalhekk kollox se jdur fuq liema verzjoni hija l-aktar verosimili u minn mill-imputat u l-allegata vittma huwa l-aktar kredibbli.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni ta' l-allegata vittma hija aktar kredibbli stante illi minkejja li giet mistoqsija diversi drabi fuq dak akkadut, hija f'kull twegiba li tat dejjem zammet ferm ma' l-istess verzjoni taghha minghajr ma bidlet xejn.

Illi l-verzjoni ta' l-imputat ma tantx hi kredibbli. Dan ghaliex meta wiehed jaqa' huwa se jaghmel certu forza fuq il-persuna jew fuq il-haga li jigi fuqha wara l-waqgha. Pero l-allegata vittma ma tiddeskrivix xi moviment habta u sabta ta' persuna li waqghet fuqha accidentalment. In

oltre fil-vicinanzi kien hemm terzi persuni ohra li pero l-imputat ma waqax fuqhom. Meta mistoqsi fuq x'hiex waqa' u cioe fuq x'hiex tfixkel biex waqa' fuq l-allegata vittma, l-imputat ma gharafx iwiegeb, jghid li kien qed ihares lejn il-kiosk. Li kieku kien hekk probabilment kien l-ewwel jitfixkel f'saqajh fuq xi parti ohra tal-gisem ta' l-allegata vittma u sekondarjament kien jigi fuq l-allegata vittma fil-posizzjoni msemmija b'certu forza.

Illi in oltre li kieku verament waqa' accidentalment fuq l-allegata vittma kienet tkun haga normali li mmedjatament jiskuza ruhu u jispjega li kien waqa' accidentalment fuqha izda l-imputat ma ghamel xejn minn dan. Minflok kif imbuttatu minghajr ma skuza ruhu rega' lura fejn kellu l-affarijiet tieghu. Li kieku kien incident u mhux att intenzjonat, l-imputat ma kien ikollu l-ebda diffikulta biex ikompli fi triqtu lejn il-kiosk fejn allegatament kien sejjer biex jixtri x'jixrob u x'jiekol. Izda huwa ma komplix fi triqtu fejn jallega li kien sejjer. In vista ta' dan, tqum ukoll il-mistoqsija dwar kemm hija veritiera l-verzjoni tieghu li fil-fatt huwa kien sejjer jixtri x'jiekol u x'jixrob.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti issib illi l-verzjoni ta' l-imputat m'ghandhiex mis-sewwa u mill-assjem tal-provi migjuba kontra tieghu tqis illi l-Prosekuzzjoni pruvat il-kaz kontra l-imputat sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih u wara li rat l-Artikoli 207, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal perjodu ta' hames xhur prigunerija, kif ukoll ghall-hlas ta' elfejn Ewro (€2,000)

taht l-imsemmija artikoli u tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-vittma Lidia Fotina li ghandha tibqa' fis-sehh ghal zmien tlett snin li jibda jiddekorri wara li l-imputat jiskonta l-imsemmija piena ta' prigunerija.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur